Nru. 17,514
Prezz 8ċ
Price 8c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

L-Erbgħa, 3 ta' Diċembru, 2003
Wednesday, 3rd December, 2003

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1145

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Lawrence Gonzi, LL.D., M.P., Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru b'seħħ minn nhar it-Tlieta, it-2 ta' Diċembru, 2003, matul l-assenza ta' l-Onor. Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., M.P.

It-2 ta' Diċembru, 2003
(OPM 12/2003 Vol II)

Nru. 1146

ATT DWAR IL-KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA

(KAP. 291)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (11) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Kummissarji tal-Ġustizzja, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għażel lit-Tribunali Lokali li ġejjin bħala l-postijiet li fihom isiru s-seduti tal-Kummissarji għall-Ġustizzja b'seħħ mis-17 ta' Novembru, 2003.

Tribunal Lokali Birkirkara li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Triq Tumas Fenech, Birkirkara – biex jinstemgħu akkużi ta' kontravvenzjonijiet skedati li jkunu saru fil-lokalitajiet tal-Kunsilli Lokali ta' Attard, Balzan, Birkirkara, Dingli, Iklin, Lija, Mdina, Mtarfa, Rabat u Santa Venera

Tribunal Lokali Fgura li jinsab fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali Fgura, Triq il-Karmnu, il-Fgura – biex jinstemgħu akkużi ta' kontravvenzjonijiet skedati li jkunu

GOVERNMENT NOTICES

No. 1145

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Lawrence Gonzi, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Social Policy, assume the additional duties of the Prime Minister with effect from Tuesday, 2nd December, 2003, during the absence of the Hon. Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., M.P.

2nd December, 2003

No. 1146

COMMISSIONERS FOR JUSTICE ACT

(CAP. 291)

IN exercise of the powers conferred by subarticle (11) of article 4 of the Commissioners for Justice Act, the Minister for Justice and Home Affairs has designated the following Local Tribunals as the places where sittings of the Commissioners for Justice shall be held with effect from the 17th November, 2003.

Birkirkara Local Tribunal situated at the Civic Centre, Triq Tumas Fenech, Birkirkara – for the hearing of charges for scheduled offences committed in the localities of the Attard, Balzan, Birkirkara, Dingli, Iklin, Lija, Mdina, Mtarfa, Rabat and Santa Venera Local Councils.

Fgura Local Tribunal situated at the Administrative Offices of the Fgura Local Council, Triq il-Karmnu, Fgura – for the hearing of charges for scheduled offences committed

saru fil-lokalitajiet tal-Kunsilli Lokali ta' Birgu, Bormla, Fgura, Isla, Kalkara, Marsaskala, Xgħajra u Żabbar .

Tribunal Lokali Għawdex li jinsab fil-Qrati tal-Maġistrati, Pjazza tal-Katidral, ir-Rabat, Għawdex - biex jinstemgħu akkużi ta' kontravvenzjonijiet skedati li jkunu saru fil-lokalitajiet kollha ta' Għawdex.

Tribunal Lokali Mosta li jinsab fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali Mosta, Ċentru Ċiviku, il-Mosta – biex jinstemgħu akkużi ta' kontravvenzjonijiet skedati li jkunu saru fil-lokalitajiet tal-Kunsilli Lokali ta' Għargħur, Mellieħa, Mġarr, Mosta, Naxxar u San Pawl il-Baħar.

Tribunal Lokali Msida li jinsab fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali Msida, 16A, Triq il-Knisja, l-Imsida – biex jinstemgħu akkużi pendenti ta' kontravvenzjonijiet skedati li jkunu saru fil-lokalitajiet tal-Kunsilli Lokali ta' Msida, Ħamrun u Pietà.

Tribunal Lokali Qormi li jinsab fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali Qormi, 229, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi – biex jinstemgħu akkużi ta' kontravvenzjonijiet skedati li jkunu saru fil-lokalitajiet tal-Kunsilli Lokali ta' Qormi, Siġġiewi, Żebbuġ, Msida, Ħamrun u Pietà.

Tribunal Lokali Sliema li jinsab fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali Sliema, Triq Depiro, Tas-Sliema – biex jinstemgħu akkużi ta' kontravvenzjonijiet skedati li jkunu saru fil-lokalitajiet tal-Kunsilli Lokali ta' Pembroke, Sliema, Swieqi, San Ġiljan, San Ġwann, Gżira u Ta' Xbiex.

Tribunal Lokali Valletta li jinsab fil-Qrati Ċivili, Triq ir-Repubblika, Valletta – biex jinstemgħu akkużi ta' kontravvenzjonijiet skedati li jkunu saru fil-lokalitajiet tal-Kunsilli Lokali ta' Floriana, Marsa u Valletta.

Tribunal Lokali Żejtun li jinsab fi Ġnien San Girgor, Triq id-Daħla ta' San Tumas, iż-Żejtun – biex jinstemgħu akkużi ta' kontravvenzjonijiet skedati li jkunu saru fil-lokalitajiet tal-Kunsilli Lokali ta' Għaxaq, Gudja, Marsaxlokk, Paola, Santa Luċija, Tarxien u Żejtun.

Tribunal Lokali Żurrieq li jinsab fiċ-Ċentru Ċittadin, Triq Matteolo Saliba, iż-Żurrieq – biex jinstemgħu akkużi ta' kontravvenzjonijiet skedati li jkunu saru fil-lokalitajiet tal-Kunsilli Lokali ta' Birzebbuġa, Kirkop, Luqa, Mqabba, Qrendi, Safi u Żurrieq.

Id-disposizzjonijiet tan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 193 tat-3 ta' Marzu, 2000, ma għadhomx japplikaw.

It-3 ta' Diċembru, 2003

in the localities of the Birgu, Bormla, Fgura, Isla, Kalkara, Marsaskala, Xghajra and Żabbar Local Councils.

Gozo Local Tribunal situated at the Courts of Magistrates, Cathedral Square, Victoria, Gozo – for the hearing of charges for scheduled offences committed in all localities in Gozo.

Mosta Local Tribunal situated at the Administrative Offices of the Mosta Local Council, Civic Centre, Mosta – for the hearing of charges for scheduled offences committed in the localities of the Għargħur, Mellieħa, Mġarr, Mosta, Naxxar and San Pawl il-Baħar Local Councils.

Msida Local Tribunal situated at the Administrative Offices of the Msida Local Council, 16A, Triq il-Knisja, Msida – for the hearing of pending charges for scheduled offences committed in the localities of Msida, Ħamrun and Pietà.

Qormi Local Tribunal situated at the Administrative Offices of the Qormi Local Council, 229, Triq il-Vitorja, Qormi – for the hearing of charges for scheduled offences committed in the localities of the Qormi, Siġġiewi, Żebbuġ, Msida, Ħamrun and Pietà Local Councils.

Sliema Local Tribunal situated at the Administrative Offices of the Sliema Local Council, Triq Depiro – for the hearing of charges for scheduled offences committed in the localities of the Pembroke, Sliema, Swieqi, San Ġiljan, San Ġwann, Gżira and Ta' Xbiex Local Councils.

Valletta Local Tribunal situated at the Civil Law Courts, Triq ir-Repubblika, Valletta – for the hearing of charges for scheduled offences committed in the localities of the Floriana, Marsa and Valletta Local Councils.

Żejtun Local Tribunal situated at Ġnien San Girgor, Triq id-Daħla ta' San Tumas, Żejtun – for the hearing of charges for scheduled offences committed in the localities of the Għaxaq, Gudja, Marsaxlokk, Paola, Santa Luċija, Tarxien and Żejtun Local Councils.

Żurrieq Local Tribunal situated at the Ċentru Ċittadin, Triq Matteolo Saliba, Żurrieq – for the hearing of charges for scheduled offences committed in the localities of the Birzebbugia, Kirkop, Luqa, Mqabba, Qrendi, Safi and Żurrieq Local Councils.

The provisions of Government Notice No. 193 of the 3rd March, 2000, shall no longer apply.

3rd December, 2003

Nru. 1147

ATT TA' L-2000 DWAR IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTIĠJANAT (ATT NRU. XXI TA' L-2000)

Elezzjoni ta' Membri fuq il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat - Sena 2004

Sejħa għan-Nomini

SKOND id-disposizzjoni tal-paragrafi 1, 2 u 5 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att ta' l-2000 dwar il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat, is-Segretarju jilqa' nomini għall-kandidati fl-elezzjoni ta' tliet (3) membri minn u fost l-artiġjani u ta' membru minn u fost l-imprendituri li huma reġistrati mal-Kunsill biex jirrapreżentaw is-setturi rispettivi tagħhom fuq il-Kunsill.

In-nomini, li għandhom ikunu ffirmati minn persuna eliġibbli li tivvota fl-elezzjoni u li jkunu aċċettati permezz tal-firma tal-kandidat, għandhom jaslu għand is-Segretarju bl-idejn sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, it-23 ta' Diċembru, 2003.

Persuna reġistrata kemm bħala artiġjan u kemm bħala imprenditur tista' tiġi nominata f'kategorija waħda biss.

Fil-każ ta' l-artiġjani, jekk jiġu nominati tliet kandidati jew anqas, dawn jiġu awtomatikament dikjarati eletti.

Fil-każ ta' l-imprendituri, jekk jiġi nominat kandidat wieħed biss, dan jiġi awtomatikament dikjarat elett.

In-nomini jridu jsiru fuq formola apposta li tista' tinkiseb mingħand is-Segretarju, Kunsill Malti għall-Artiġjanat, Diviżjoni tal-Kummerċ, Lascaris, Valletta.

It-3 ta' Diċembru, 2003

No. 1147

MALTA CRAFTS COUNCIL ACT (ACT NO. XXI OF 2000)

Election of Members of the Malta Crafts Council - Year 2004

Call for Nominations

IN terms of the provisions in paragraphs 1, 2 and 5 of the Schedule annexed to the Malta Crafts Council Act, 2000, the Secretary invites nominations for candidates for the election of only three (3) members to be elected by and from among craftsmen and a member to be elected by and from among entrepreneurs registered with the Council to represent their respective sectors on the Council.

The nominations, which must be signed by the person eligible to vote in the election and must be accepted through the candidates' signature, must be delivered by hand to the Secretary, by not later than noon of Tuesday, 23rd December, 2003.

The person registered both as a craftsman and as an entrepreneur may be nominated under one category only.

In the case of craftsmen, if three or less craftsmen are nominated, these will automatically be declared elected.

In the case of entrepreneurs, if only one candidate is nominated he will be automatically be declared elected.

Nominations must be made only on the prescribed form obtainable from the Secretary, Malta Crafts Council, Commerce Division, Lascaris, Valletta.

3rd December, 2003

Nru. 1148

'WARRANT' MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

BILLI huwa pprovdut bl-Artikolu (3) ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79) illi l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista', minn żmien għal żmien, jaħtar persuni, biex ikunu Kummissjunarji bis-setgħa li jagħtu Ġurament.

IKUN magħruf illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija, il-Ministru għall-Ġustizzja, ħatar bħala Kummissjunarji bis-setgħa li jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri u sakemm

No. 1148

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

WHEREAS it is provided by Section (3) of the Commissionerse for Oaths Ordinance (Cap. 79) that the Minister responsible for Justice, may from time to time appoint persons, to be Commissioners for Oaths;

IT is notified that, in exercise of such powers, the Minister for Justice appointed the under mentioned as Commissioner for Oaths, whilst performing such functions and as long as

jibqgħu fil-kariga, għall-perjodu bejn l-1 ta' Diċembru, 2003 u t-30 ta' Novembru, 2004.

Pulizija
WPC 42 Rosanne Borg
WPC 82 Miriam Muscat
WPC 74 Romina Oliveri
WPC 5 Stephanie Vella
WPC 8 Stephanie Bugeja

B'Awtorità

Tonio Borg
Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern

It-3 ta' Diċembru, 2003
(MJHA/144/2003)

they continue in that capacity, for the period 1st December, 2003 to 30th November, 2004.

Police
WPC 42 Rosanne Borg
WPC 82 Miriam Muscat
WPC 74 Romina Oliveri
WPC 5 Stephanie Vella
WPC 8 Stephanie Bugeja

By Authority

Tonio Borg
Minister for Justice and Home Affairs

3rd December, 2003

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Ingaġġ ta' *Casual Cleaners* fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

Id-Direttur Ġenerali (Edukazzjoni) jgħarraf illi jilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni li jixtiequ li jitqiegħdu fil-lista uffiċjali ta' kandidati biex skond il-ħtieġa u l-bżonn jiġu kkonsidrati għall-impjieg bħala *cleaners* fuq bażi każwali f'waħda minn dawn l-Iskejjel ta' l-Istat:

Skola Patri Felic Sammut, San Pawl il-Baħar
Skola Primarja Annibale, Ħal Lija

2. L-ordni tal-meritu finali tinħoloq wara li l-applikanti eliġibbli jiġu intervistati biex jiġi stabbilit dwar kemm huma adatti għall-post ta' *Casual Cleaners*.

3. L-ordni tal-meritu jibqa' validu għal perijodu ta' sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu.

4. Kull ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jiġi mitmum mill-Gvern jew mill-*Casual Cleaner* f'kull żmien billi jingħata avviż bil-miktub ġimgħa qabel, bla ħtieġa li tingħata r-raġuni.

EDUCATION DIVISION

Engagement of Casual Cleaners in the Education Division

The Director General (Education) notifies that applications are being accepted from interested persons who would like to be placed on an order of merit of successful applicants for engagement as a Casual Cleaner in the following State School, if and when the need arises:

Patri Felic Sammut Primary School, St Paul's Bay
Annibale Preca Primary School, Lija

2. The final order of merit, will be published after all eligible applicants are interviewed to assess their suitability for the post of Casual Cleaner.

3. The order of merit will remain valid for a period of two (2) calendar years from the date of publication of the final result.

4. Any engagement made will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or by the Casual Cleaner at any time by giving a week's notice in writing without specifying any reason therefor.

5. Il-kandidati li jintgħażlu jkunu normalment mistennija li jaħdmu minn tnejn sa tliet sigħat kuljum wara l-ħin ta' l-iskola. F'każ eċċezzjonali u dejjem fid-diskrezzjoni tal-Kap ta' l-Iskola, jistgħu jintalbu li jaħdmu matul il-ħinijiet ta' l-iskola.

6. Il-ħlas ikun bir-rata ta' Lm1.49.2 għal kull siegħa maħduma. Il-*Casual Cleaners* ikunu intitolati wkoll għall-*bonus* annwali u l-ħlas supplimentari ta' kull ġimgħa, it-tnejn fuq bażi *pro-rata* skond in-numru ta' sigħat maħduma.

7. *Casual Cleaners* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern.

8. Il-kandidati għandhom:

(a) ikunu ċittadini ta' Malta

(b) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-Kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jinthemeż ma' l-applikazzjonijiet).

9. Applikanti eliġibbli jridu joqogħdu għall-intervista mill-Kunsill Skolastiku ta' l-Iskola biex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-post ta' *casual cleaners*.

10. Kull min hu interessat jista' jiġbor applikazzjoni mill-Uffiċċju tas-Segretarju tal-Kunsill ta' l-iskola konċernata.

11. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mis-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku ta' l-Iskola, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Diċembru, 2003.

12. Tingħata rċevuta għal kull applikazzjoni.

13. (a) Is-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku jagħti rċevuta għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn.

(b) Min jibgħat l-applikazzjoni bil-posta għandu jieħu ħsieb li jibgħatha kmieni biżżejjed biex tasal qabel il-ħin u d-data ffissati għall-għeluq ta' l-applikazzjonijiet. Tintbagħat irċevuta mis-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku, biex jikkonferma li l-applikazzjoni tkun waslet.

It-3 ta' Diċembru, 2003

5. Selected candidates who are engaged will normally be expected to work after school hours from 2 to 3 hours per day. Exceptionally however they may be required to work during school hours at the discretion of the Head of School.

6. Remuneration will be at a rate of Lm1.49.2 for every hour worked. Casual Cleaners will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on a pro-rata basis according to the number of hours worked.

7. Casual Cleaners will not be eligible to apply for any internal calls for applications open to serving Government employees.

8. Candidates must:

(a) be citizens of Malta

(b) be of good moral character (a Police Certificate of Conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications must be produced).

9. Eligible applicants will be interviewed by the School Council to assess their suitability for the post.

10. Interested persons may collect application forms from the office of the Secretary of the School Council of the school.

11. Applications will be received in the first instance by the Council Secretary of the school by not later than noon of Friday, 19th December, 2003.

12. Applications will be acknowledged in writing.

13. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Council's Secretary.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Council's Secretary.

3rd December, 2003

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1682

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Sekond Awla permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Novembru 2003, in segwitu għarrikors ta' Carmelo Ellul, rikors numru 906/02, interdiċiet millatti kollha tal-ħajja ċivili lil Maria Dolores Ellul, mart l-istess Carmelo Ellul, bint il-mejtin John Galea u Carmela neè Ellul, imwielda u toqgħod iż-Żejtun, bil-karta ta' l-identità numru 686927(M).

It is hereby notified that the Civil Court Second Hall by means of a decree, given on the 13th November 2003, following an application of Carmelo Ellul, application number 906/02, interdicted from all acts of civil life, Maria Dolores Ellul, wife of the same Carmelo Ellul, daughter of the late John Galea and Carmela neè Ellul, born and residing in Żejtun, having identity card number 686927(M).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Diċembru 2003.

Registry of the Superior Courts, today 2nd December 2003.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qrati.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar of Courts.

1683

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' Novembru 2003, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 24th November 2003, ordered the following publication for the purpose of service in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fl-24 ta' Settembru 2003, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, lil Mark Parretti (ID Nru. 260876M) is-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. interpellat lill-intimat sabiex fi żmien jumejn iħallasha s-somma ta' ħamsa u tletin elf, disa' mija u tlieta u tletin liri Maltin u wieħed u sittin ċenteżmu (Lm35,933.61) bilanċ għad-debitu fil-'Loan Accounts' tiegħu mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' April 2003, sad-data ta' l-effettiv pagament.

By means of a judicial letter filed on the 24th September 2003, in the First Hall Civil Court, against Mark Parretti (ID No. 260876M) the company Bank of Valletta p.l.c. called upon the respondent so that within two days he pays the sum of thirty five thousand, nine hundred and thirty three Maltese liri and sixty one cents (Lm35,933.61) balance of debt in his 'Loan Accounts' with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interest from the 1st April 2003, till the date of effective payment.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skond il-liġi.

The interpellant company, warns you that if you fail they shall proceed against you according to law.

Intimat: Mark Parretti
5, Grognet Court, Flat 2,
Triq Baskal Buhagiar,
Mosta.

Respondent: Mark Parretti
5, Grognet Court, Flat 2,
Baskal Buhagiar Street,
Mosta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 1 ta' Diċembru 2003.

Registry of the Superior Courts, today 1st December 2003.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qrati.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar of Courts.

1684

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim'Awla permezz ta' digriet mogħti, fit-28 ta' Marzu 2003, fl-atti ta' l-Ittra Uffiċjali tat-30 ta' Ottubru 2002, fl-ismijiet Sun Services Ltd et vs Edrichton Services Ltd et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata P.A.P.S. Limited, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fit-30 ta' Ottubru 2002, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, lil Edrichton Services Limited, Edrichton Place, Triq it-Tartarun, Qawra, P.A.P.S. Limited, 3, Euro Mansions, Triq l-Universita, Msida MSD 04, Razzett l-Abjad Limited, La Feague, JH Newman Street, San Pawl tat-Tarġa, One-Sixth (Investments) Ltd, 17, Guardamangia Hill, Pietà MSD 08, Clover Holdings Limited, Clover Holiday Complex, Triq it-Tartarun, Qawra l/o St. Paul's Bay SPB 05, Domino Holdings Limited, Cigales, Qawra Seafront, Qawra SPB 06, Edrichton Estates Limited, 17, Guardamangia Hill, Pietà MSD 08, mis-soċjetajiet Sun Services Limited, L.R. Services Limited u Edrichton Holidays Limited, ilkoll ta' St. Georges Park, Dragonara Road, San Ġiljan, jagħmlu referenza għal ittri uffiċjali ppreżentati, fl-1 ta' Ottubru 2002 u fis-17 ta' Ottubru 2002, mill-Avukat Dottor Philip Manduca bħala mandatarju speċjali ta' Airtours plc ta' Wavel House, Holcombe Road, Helmshore Rossendale, Lancashire, UK, kontra tagħhom rispettivament, fejn jirreferi għal inċident li ġara fil-Gallina Aparthotel, Triq il-Baħħara, Qawra, fis-16 ta' Lulju 1995, li fih weġġa' gravi Michael Geale, bin James sive Jimmy Geale.

Għal kull buon fini u effetti tal-liġi, bil-preżenti, is-soċjetajiet mittenti qed iżommu ferm kwalunkwe dritt li jista' jkun hemm kontra s-soċjetajiet solidalment, hawn interpellati, li jista' eventwalment jirriżulta minn talba għad-danni minħabba l-fuq imsemmi inċident.

Għalhekk, is-soċjetajiet mittenti qed jibagħtu din l-ittra uffiċjali sabiex jekk, kif u meta talba ta' danni qatt tiġi ppreżentata kontra s-soċjetajiet mittenti, mill-imsemmi Michael Geale jew l-aventi kawża tiegħu, inklużi u/jew minn Airtours plc, il-mittenti jkollhom id-dritt li jinvolvu lil jew jirreferu l-istess soċjetajiet intimati.

Tant biex tagħrfu tidderiġu ruħkom.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 1 ta' Diċembru, 2003.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qrati

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given, on the 28th March 2003, in the records of the Judicial letter of the 30th October 2002, in the names Sun Services Ltd et vs Edrichton Services Ltd et, ordered, the following publication, in order that the respondent company P.A.P.S. Limited, be notified, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter, filed, on the 30th October 2002, in the First Hall Civil Court, against Edrichton Services Limited, Edrichton Place, Tartarun Street, Qawra, P.A.P.S. Limited, 3, Euro Mansions, University Street, Msida MSD 04, Razzett l-Abjad Limited, La Feague, JH Newman Street, San Pawl tat-Tarġa, One-Sixth (Investments) Ltd, 17, Guardamangia Hill, Pietà MSD 08, Clover Holdings Limited, Clover Holiday Complex, Tartarun Street, Qawra l/o St. Paul's Bay SPB 05, Domino Holdings Limited, Cigales, Qawra Seafront, Qawra SPB O6, Edrichton Estates Limited, 17, Guardamgia Hill, Pietà MSD 08, by the companies Sun Services Limited, L.R. Services Limited and Edrichton Holidays Limited, all of St Georges Park, Dragonara Road, Saint Julian's, make reference, to the judicial letters filed, on the 1st October 2002 and on the 17th October 2002, by Advocate Doctor Philip Manduca, as special mandatary of Airtours plc of Wavel House, Holcombe Road, Helmshore, Rossendale, Lancashire, UK, against them respectively, whereby he refers to the incident which occurred in Gallina Aparthotel, Bahhara Street, Qawra, on the 16th July 1995, in which Michael Geale, son of James sive Jimmy Geale, was grievously injured.

For all intents and purposes, of law by the present the interpellant companies are holding firm, any right which there might be, against the companies which are hereby being 'in solidum', called upon, which can eventually result, from a claim for damages, because of the above mentioned incident.

Thus, the interpellant companies, are sending this judicial letter, so that if, and when the claim for damages, shall be filed against the interpellant companies, by the said Michael Geale or his successors in title, including and/or by Aitours plc, the interpellants, shall have the right to involve or refer to, the same companies, which have been called upon.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

Registry of the Superior Courts, today, 1st December, 2003.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar of Courts

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI
OFFICIAL PUBLICATIONS

Acts of Parliament passed during 2002	Lm12.00
Annual Reports of Government Departments – 2002	Lm 7.00c
A Public Service for the 21st Century - White Paper on a Public Service Act	Lm 1.00c
Creating Inclusive Schools: Guidelines for the Implementation of the NMC Policy on Inclusive Education	Lm 1.80c
Cultural Policy in Malta – A Discussion Document	Lm 3.00c
Customs Tariff	Lm 5.30c
Diplomatic and Consular Representation in Malta – February 2001	50c
Diskors tal-*Budget* 2004	50c
Economic Survey January - September 2003	Lm 2.00c
Electoral Register, October 2003	Lm10.40c
Electoral Register, Local Councils, October 2003	Lm32.56c
Estimates 2004	Lm 2.00c
External Affairs Service List –October 2000	50c
Financial Report 2002	Lm 2.00c
Government of Malta Staff List as at 1st April 2000	Lm 7.00c
Guidelines for Special Examination Arrangements for Candidates with Particular Requirements	Lm 1.40c
Il-Manwal tal-President tar-Repubblika	50c
Il-Politika Kulturali f'Malta – Dokument għad-Diskussjoni	Lm 3.00c
Internal Audit Function within Government Ministries, January 2000	Lm 1.00c
Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq	Lm 1.00c
Lejn Malta fl-Ewropa - minn Copenhagen sa Ateni	Lm 1.00c
National Curriculum on its Way – Proceedings	Lm 2.40c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan	Lm 1.00c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged	25c
Performance Audit – Department of Consumer Affairs	Lm 1.00c
Performance Audit – Environment Protection Department – Countryside Section	Lm 1.50c
Performance Audit – Government Transport	Lm 1.50c
Performance Audit – Licensing and Testing Department	Lm 1.50c
Performance Audit – Museums Department – Promoting Heritage Sites	Lm 1.50c
Performance Audit – Preventing and Dealing with Pollution from Ships at Sea and Ports	Lm 1.50c
Performance Audit – School Information System – Education Division	Lm 2.00c
Performance Audit – School Transport System – Education Division	Lm 1.50c
Portfolio Assessments	Lm 4.00c
Public Service Management Code	Lm 4.00c
Report of the Auditor General – Public Accounts 2001	Lm 2.50c
Servizz Pubbliku għas-Seklu 21 - White Paper dwar Att għas-Servizz Pubbliku	Lm 1.00c
Subsidiary Legislation for the year 2002	Lm22.00c
The Highway Code	Lm 1.00c
The Press Act	50c
The Registers of the Medical Council (Malta) 2001	Lm 3.00c
White Paper dwar Att Ġdid dwar l-Armi	Lm 1.00c
White Paper fuq il-Privatizzazzjoni	50c
White Paper on a New Act about Arms	Lm 1.00c

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta
These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*